MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 149/2008

**First United Insurance Brokers Limited**
**Vs**
**Anthony Chircop (K.I. 477249M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija, tlieta u sittin ewro u tlett centezmi (€363.03) ekwizalenti ghall-valuta antika ta' LM155.85 hlas fuq polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici favur il-konvenut; illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa li t-talba attrici ghall-ammont ta' Ewro363.03 rapprezentanti premium ta' sena hija infondata fil-fatt u fil-ligi ghaliex meta l-esponent gie mistoqsi biex igedded l-assikurazzjoni ghal dik is-sena

gie nfurmat li kellu igedded il-polza biex ma jippregudikax "claim" li kellu pendenti; l-esponenti f'dak il-hin ma giex informat li l-"claim" tieghu ma kienx accetat. Imbaghad wara li gie mgedded il-polza l-esponent gie nformat li l-"*claim*" kien ilu li gie "*rejected*". Allura gie li l-intimat gie sgwidat biex jerga jgedded il-polza; salv eccezzjonijiet ohra.
Sema' x-xhieda ta' Salvino Mifsud Bonnici u Peter Grima.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar id-29 ta' Mejju, 2012 bih din it-talba thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta' llum.

**Ikkunsidra:**
Illi l-kwistjoni in sintesi hija talba ghal-hlas ta' premuim ghall-*home insurance policy* li qed tigi kkontestata ghaliex il-konvenut allega li gie mgieghel jordna *renewal* biex *claim* li kien ghamelma tigix ppregudikata.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kellu *home insurance policy* mas-socjeta' attrici ghall-*building home and contents*. Il-konvenut kien ghamel *claim* ghaliex kien gralu hsara fl-*airconditioners*, t-televixin u diversi affarijiet ohra, wara li kien hemm *short circuit* fis-*circuit board* tal-blokk tal-apartamenti[1]. Skont l-assikurazzjoni din il-*claim* giet rifjutata ghaliex l-assikurat kien biss kopert ghall-hsara kawzata bin-nar, izda d-danni inkwistjoni saru minhabba *electrical short* u mhux nar[2]. Illi s-socjeta' attrici bhala *broker* ippruvat taghmel mill-ahjar taghha biex tikkonvinci l-asikurazzjoni (Millennium Insurance Agency) biex tkopri dan l-incident pero' l- *claim* dwar dan l-incident giet rifjutata u sahansitra s-socjeta' attrici sostniet illi l-polza biex tkopri incident bhal dan kellha tkun ohra ossia *machinery breakdown*.

[1] Ara cliam a fol 46 tal-process
[2] Ara xhieda ta Peter Grima a fol 36

Peter Grima cahad kategorikament li sar diskors li kellu jgedded il-polza biex il-*claim* tigi rizolta. Illi pero kien Jean Pierre Zammit li kien l-impjegat li kien ha hsieb il-*claim* u kien hu stess li kien ta' parir lil Anthony Chircop biex igedded il-*claim* u dan kien ghamlu *a voce*:

*Mela jiena kont tajtu l-parir biex igedded l-insurance tieghu biex ahna jkollna aktar 'leverage' meta nkunu nistghu naslu ghall-soluzzjoni 'ex-gratia' mal-'underwriters' ... jiena nikkonferma imma illi qabel din it-telefonata kienu diga cahduli l-'claim' tas-sur Chircop u dana jiena kont avzajt ...lis-sur chircop fit-2 ta' Gunju 2006.*

It-Tribunal wara li ra bir-reqqa l-korrspondenza bejn il-partijiet tat-talba w anke l-assikurat jifhem illi ghalkemm hemm verzjonijiet konfligenti l-kwistjoni tirrevolvi dwar jekk l-assikurat kienx mgharraf illi l-'*cliam'* tieghu kienet michuda qabel ma gedded il-polza.

Johrog car mill-provi:

1. Il-*claim* gie rifjutata fit-30 ta Awissu 2005.[3] Ara ukoll emajl datata t-28 ta' lulju 2006 fejn l-assikurazzjoni tablet illi l-assikurat jkun mgharraf illi l-*claim* ma gietx accettata[4].
2. Illi pero' Jean Pierre Zammit kien informa lill-klijent li kien hemm problemi u bl-ammissjoni tieghu stess kien tah parir biex jerga' jgedded il-polza. Illi fil-korrispondenza tat-2 ta' Gunju 2006, ghal kuntrarju ta' dak l'inghad mid-direttur tas-socjeta' attrici, x-xhud Zammit ma kienx car mal-klijent illi l-*cliam* kienet giet rifjutata.

*"Insurers are giving me a hard time in accepting policy liability".*

3. Il-polza iggeddet nhar l-1 t' Awwissu 2006.
4. Kien biss fl-emajl tal-20 ta' Novembru 2006 li hareg car illi l-assikurazzjoni ma riditx tkopri il-cliam[5]. Infatti hemm emajl fejn il-konvenut wera d-dispjacir tieghu.

It-Tribunal ghalhekk ihoss illi jekk il-konvenut gie rinfaccat bil-fatt, l-assikurati m'accettawx il-*claim* u jekk inghata kopja tal-ittra tal- 31 t' Awwissu hu ma kienx iggeded il-

---

[3] A fol 49
[4] A fol 95
[5] Ara process a fol 92

polza.  Illi galadarba s-socjeta' attrici kienet konxja dwar il-kwistjoni u l-fatt li l-*claim* giet michuda huma messhom *in buona fede* u kellhom ukoll id-dover li javzaw il-konvenut tempestivament u cioe' qabel ma dan kien igedded il-polza. Anzi l-parir kien l-oppost.

Ghalhekk invista tac-cirkostanzi u *arbitrio boni viri* t-Tribunal jichad it-talba attrici  bl-ispejjez a kariku tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------